



Brussell, 16 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16891/23

LIMITE

ENER 702
CLIMA 655
CONSUM 490
TRANS 608
AGRI 828
IND 694
ENV 1504
COMPET 1277
FORETS 218

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0445(NLE)

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	16140/23
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2022/2577 li jistabbilixxi qafas biex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli - Qbil politiku

INTRODUZZJONI

1. Fit-28 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2022/2577 li jistabbilixxi qafas biex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli¹.
2. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577 (ir-"Regolament dwar l-Għoti ta' Permessi") għandu l-għan li jindirizza l-kriżi tal-enerġija, inaqqs id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi u javvanza aktar l-oġġettivi tal-UE b'rabta mal-klima billi jħaffef il-proċess tal-għoti tal-permessi u l-varar ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Huwa għandu fil-mira teknoloġiji li jistgħu jiġu implimentati malajr fuq medda qasira ta' żmien, li għandhom potenzjal konsiderevoli li jnaqqsu l-konsum tal-gass u, minħabba l-ispiża operattiva baxxa tagħhom, jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-kontinġent tal-enerġija.

¹ 16140/23

3. Il-Kummissjoni tipproponi li r-Regolament dwar l-Għoti ta' Permessi emendat japplika mill-1 ta' Lulju 2024, bl-Artikolu 1, l-Artikolu 2(1), l-Artikolu 3a l-ġdid, l-Artikolu 3(2), l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6 u l-Artikolu 8 japplikaw sat-30 ta' Ġunju 2025.
4. Il-Kummissjoni tqis li għad hemm riskji sinifikanti assoċjati mal-volatilità tal-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku u mas-sigurtà tal-provvista fl-UE. Dawn jirriżultaw mis-sitwazzjoni diffiċli fis-swieq tal-enerġija, aggravata mill-ambjent ġeopolitiku mimli tensjoni. Wara rieżami reċenti tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Permessi, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa kellu impatt pożittiv fuq l-aċċellerazzjoni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli fl-UE u konsegwentement għen biex jittaffew l-effetti tal-kriżi tal-enerġija. Għaldaqstant, l-estensjoni ta' dawn ir-regoli aċċellerati għall-għoti ta' permessi għal 12-il xahar, lil hinn mill-iskadenza skedata tagħhom fit-30 ta' Ġunju 2024, tiffaċilita l-introduzzjoni rapida tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

SITWAZZJONI ATTWALI

5. Il-proposta ġiet eżaminata fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fil-5, s-7 u t-12 ta' Diċembru 2023.
6. Wara li qieset il-kummenti tal-Istati Membri, il-Presidenza ppreżentat l-ewwel reviżjoni tat-test² għal skambju ta' fehmiet fil-laqgħa tal-Coreper tal-15 ta' Diċembru 2023.
7. Matul din il-laqgħa, filwaqt li kien hemm appoġġ ġenerali mill-Istati Membri dwar it-test ta' kompromess, xi Stati Membri talbu li jingħataw il-possibbiltà li jaċċelleraw aktar il-varar ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli fuq bażi volontarja. Għal dan il-għan, ġew ippreżentati proposti ta' testi minn xi Stati Membri.
8. Bil-ħsieb li jintlaħaq qbil politiku fil-Kunsill TTE (Enerġija) tad-19 ta' Diċembru 2023, il-Presidenza qieset bir-reqqa dawk il-proposti ta' abbozzar. Hija tippreżenta test rivedut fl-Anness ta' din in-nota li fih l-Artikolu 3(2) ġie aġġustat biex jiġi allinjat mal-formulazzjoni attwali tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Permessi.

² 16184/23

9. Saru xi bidliet legali-lingwistiċi u stilistiċi addizzjonali fit-test kollu biex jittejjeb, inkluż l-allinjament ta' premessi identiċi fit-tliet regolamenti ta' emerġenza.
10. Il-bidliet mill-proposta tal-Kummissjoni huma indikati b'**tipa grassa** u maqtugħa. Il-bidliet ġodda meta mqabbla mad-dok. ST 16184/23 huma mmarkati b'**tipa grassa ssottolinjata** u [...].

KONKLUŻJONI

11. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jeżamina t-test ta' kompromess tal-Presidenza kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota, jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni pendenti mqajma mid-delegazzjonijiet u jilħaq qbil politiku dwar dan ir-Regolament tal-Kunsill.

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

li jemenda r-Regolament (UE) 2022/2577 li jistabbilixxi qafas biex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 122(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577³ jintroduċi miżuri urġenti u mmirati biex iħaffef il-pass tal-varar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-varar tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jittaffew l-effetti tal-kriżi tal-enerġija, billi tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni, titnaqqas il-volatilità fis-suq u [...] l-prezzijiet tal-enerġija. Peress li l-proċeduri twal u kumplessi għall-għoti ta' permessi ffurmaw ostaklu ewlieni li jfixxkel il-veloċità u l-iskala tal-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u fl-infrastruttura relatata, ir-Regolament (UE) 2022/2577 li għandu l-għan li jintroduċi miżuri **addizzjonali urġenti u** mmirati biex tinkiseb l-aċċellerazzjoni immedjata ta' xi wħud mill-proċeduri tal-għoti tal-permessi applikabbli għal teknoloġiji speċifiċi tal-enerġija rinnovabbli u tipi ta' proġetti [...] **li għandhom l-aktar** [...] potenzjal għal varar rapidu sabiex jittaffew l-effetti tal-kriżi tal-enerġija. Ir-Regolament (UE) 2022/2577 [...] **ser japplika** sat-30 ta' Ġunju 2024.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577 tat-22 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi qafas biex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli (ĠU L 335, 29.12.2022, p. 36).

(2) Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ daħlet fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2023, introduċiet bidliet fil-qafas leġiżlattivi li jirregola l-enerġija rinnovabbli sal-2030 u lil hinn, inkluż dispożizzjonijiet biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-għoti ta' permessi applikabbli għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Uħud mill-miżuri introdotti mir-Regolament (UE) 2022/2577 ġew inklużi **wkoll** fid-Direttiva (UE) 2018/2001 **permezz tad-Direttiva (UE) 2023/2413**. Madankollu, id-Direttiva **(UE) 2023/2413** ma tirriflettix uħud mill-miżuri l-aktar eċċezzjonali li jinsabu fir-Regolament (UE) 2022/2577, u b'hekk iddelimitat in-natura eċċezzjonali u temporanja [...] **ta' daww il-miżuri**. Minflok, [...] **dik** id-Direttiva introduċiet reġim permanenti stabbli u fit-tul biex tħaffef il-proċeduri tal-għoti tal-permessi li tistabbilixxi passi u proċeduri apposta li jeħtieġu żmien itwal għall-implimentazzjoni. L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jittrasponu d-**Direttiva (UE) 2023/2413** [...] **fil-liġi nazzjonali tagħhom** sal-21 ta' Mejju 2025, bl-eċċezzjoni ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet **rigward** [...] il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, li għandhom data ta' traspożizzjoni aktar bikrija, **jiġifieri** [...] l-1 ta' Lulju 2024, **li hija** immedjatament wara **d-data tat-tmiem tal-validità** [...] tar-Regolament **(UE) 2022/2577**. Wara t-traspożizzjoni tad-**Direttiva (UE) 2023/2413** [...], il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli ser jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet introdotti minn dik [...] id-Direttiva biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-għoti tal-permessi.

⁴ **Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (ĠU L, 31.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2413/oj>).**

⁵ **[...] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).**

- (3) Skont [...] ir-Regolament (UE) 2022/2577, il-Kummissjoni[...] **wettqet**[...] rieżami ta' dak[...] ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2023[...], fid-dawl tal-iżvilupp tas-sigurtà tal-provvista u tal-prezzijiet tal-enerġija u l-ħtieġa li jiġi aċċellerat aktar il-varar tal-enerġija rinnovabbli, u **ppreżentat**[...] rapport lill-Kunsill dwar is-sejbiet ewlenin ta' dak ir-rieżami. [...] **Il-Kummissjoni, abbażi ta' dak ir-rieżami, [...] ipproponiet li [...] jenħtieġ li tiġi estiża l-validità ta' xi dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament[...].**
- (4) Fir-Rapport tagħha **tat-28 ta' Novembru 2023 dwar ir-rieżami tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577 tat-22 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi qafas biex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli** [...]⁶, il-Kummissjoni sabet li l-kundizzjonijiet għall- [...]jestensjoni **tal-validità tar-Regolament (UE) 2022/2577** ġew issodisfati u pproponiet l-estensjoni tal-miżuri magħżula li għandhom l-akbar potenzjal [...] għall-aċċellerazzjoni **tal-varar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli**, u li huma differenti mill-**miżuri** [...] fid-Direttiva (UE) 2018/2001, u li jidhru li jwasslu aċċellerazzjoni importanti **fi**[...]l-**proċess tal-għoti** ta' permessi għall-enerġija rinnovabbli u **għall-proġetti tal-infrastruttura** tal-grilja relatati jew **li** għandhom [...] **il-potenzjal** sinifikanti li jagħmlu dan. Tqies il-fatt li d-Direttiva (UE) 2023/2413 introduċiet [...] fid-Direttiva (UE) 2018/2001 [...] **ċerti dispożizzjonijiet biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-għoti ta' permessi applikabbli għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli**, inkluż regoli dwar l-istess suġġetti jew suġġetti simili bħal dawk koperti mir-Regolament (UE) 2022/[...] 2577. Tqies ukoll **il-fatt li** r-regoli għall-għoti ta' permessi introdotti bid-Direttiva (UE) 2023/2413, għajr dawk relatati maż-żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli skont l-Artikoli 15c u 16a ta' dik id-Direttiva, iridu jiġu trasposti sal-1 ta' Lulju 2024, immedjatament wara **d-data tat-tmiem tal-validità**[...] tar-Regolament (UE) 2022/2577.

⁶ **COM (2023) 764 final.**

- (5) Mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2022/2577, il-livell ta' tħejjija fis-suq tal-elettriku u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni tjiebu. Madankollu, għad hemm riskji serji għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni. Is-sitwazzjoni globali fis-suq tal-gass għadha ristretta ħafna. Il-prezzijiet tal-gass għadhom konsiderevolment ogħla minn qabel il-kriżi b'konsegwenzi inevitabbli fuq il-kapaċità tal-akkwist taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-kompetittività tan-negozji [...] **tal-Unjoni**. Dan ikompli jiggrava bil-volatilità għolja tas-suq li nibtet, fost l-oħrajn, minħabba **ċirkostanzi** ġeopolitiċi mimlija tensjoni[...]. Episodji reċenti ta' volatilità sinifikanti tal-prezzijiet fis-sajf u fil-ħarifa tal-2023, meta l-prezzijiet żdiedu b'aktar minn 50 % fi ftit ġimgħat, ikkawżati minn avvenimenti bħall-istrajk fil-faċilitajiet tal-gass **naturali likwifikat (LNG)** Awstraljani, il-kriżi tal-Lvant Nofsani [...] **iew** it-tfixkil fil-Balticconnector, juru li s-swieq għadhom fraġli u vulnerabbli għal xokkijiet relattivament żgħar fuq id-domanda u l-provvista. Taħt [...] kundizzjonijiet **bħal dawn**, il-biża' ta' skarsezza li tirriżulta saħansitra minn avveniment iżolat tista' twassal għal reazzjonijiet sistemiċi negattivi madwar [...] l-**Unjoni** b'riperkussjonijiet serji fuq il-prezzijiet tal-enerġija. Barra minn hekk, minħabba t-tnaqqis sinifikanti fl-importazzjonijiet tal-gass mill-pipelines Russi matul l-aħħar sena, id-disponibbiltà tal-provvisti tal-gass lejn l-Unjoni **naqqset** konsiderevolment [...] meta mqabbla [...] **mal-kundizzjonijiet ta'** qabel il-kriżi. Bil-livell attwali ta' importazzjonijiet tal-gass mill-pipelines, l-Unjoni mistennija tirċievi madwar 20 **biljun metru kubu (bcm)** ta' gass Russu [...]– madwar 110 bcm inqas mill-2021. Għalhekk, għad hemm riskju serju li fl-Unjoni jfeġġu skarsezzi tal-gass.

- (6) Is-swieq globali tal-gass għadhom ristretti ħafna u mistennija jibqgħu **hekk**[...] għal ċertu **perjodu ta' żmien**. Kif innotat mill-**Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (IEA) fir-Rapport tagħha dwar il-Gass fuq Terminu Medju 2023**,⁷ il-provvista globali tal-LNG kibret biss b'mod modest fl-2022 (**b'4 %**) u fl-2023 (**bi 3 %**). **Fil-World Energy Outlook 2023 tagħha (il-Prospettiva tal-Enerġija Dinjija 2023)**, [...] l-IEA tistenna li l-bilanċi tas-suq ser jibqgħu prekarji fil-futur immedjat **minkejja l-fatt li l-kapaċitajiet tal-LNG għodda għandhom jiġu attivati mill-2025**.⁸
- (7) [...]Diffikultajiet serji **bħal dawn** huma aggravati minn għadd ta' riskji addizzjonali, inkluż irkupru fid-domanda Asjatika għal-LNG, **li jista'** [...] **jnaqqas** id-disponibbiltà tal-gass fis-suq globali tal-gass, xitwa kiesħa [...] **li** tista' twassal għal żieda **fid-domanda għall-**[...]gass [...] sa 30 bcm, **kundizzjonijiet** ta' temp estrem [...] li potenzjalment jaffettwaw [...] il-ħżin tal-enerġija idroelettrika u l-produzzjoni nukleari minħabba livelli baxxi tal-ilma **li jwasslu għaż-**[...]żieda sussegwenti fid-domanda għall-ġenerazzjoni tal-enerġija li taħdem bil-gass, [...] aktar tfixkil tal-infrastrutturi kritiċi, **bħall-**atti ta' sabotaġġ kontra l-pipelines Nord Stream f'Settembru 2022 [...] [...] **jew it-**tfixkil tal-pipeline tal-konnettur Baltiku f'Ottubru 2023, **u** deterjorament tal-ambjent ġeopolitiku, b'mod partikolari **f'pajjiżi u** reġjuni rilevanti **għas-**[...][...]sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-**Unjoni**, bħall-Ukrajna, l-Azerbajġan, u l-Lvant Nofsani.

⁷ [...]

⁸ [...]

- (8) Minħabba l-bilanċ strett [...] attwali bejn il-provvista u d-domanda, anke interruzzjoni **żgħira**[...] fil-provvista tal-enerġija jista' jkollha impatt[...] estensiv[...] fuq il-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku u **tista'** tikkawża ħsara serja u dejjiema lill-ekonomija Ewropea, u **b'hekk** [...] taffettwa l-kompetittività tagħha u **tagħmel ukoll ħsara dejjiema** liċ-ċittadini tal-Unjoni. Is-sitwazzjoni attwali għaldaqstant qed tesponi lill-Unjoni kollha għal riskji ta' skarsezza tal-enerġija u għal prezzijiet għoljin tal-enerġija.
- (9) Varar aċċellerat tal-enerġija rinnovabbli kellu rwol essenzjali fl-istrategġija tal-Unjoni biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-enerġija u kien strumentali biex tiżdied is-sigurtà tal-provvista u biex il-konsumaturi jiġu protetti mill-volatilità tal-prezzijiet billi titnaqqas id-domanda ġenerali tal-Unjoni għall-gass. **Fl-Aġġornament tagħha dwar is-Suq tal-Enerġija Rinnovabbli ta' Ġunju 2023, intitolat "How much money are European consumers saving thanks to renewables?" (Kemm qed jiffrankaw flus il-konsumaturi Ewropej bis-saħħa tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli?),** [...]l-IEA[...] stmat li l-prezzijiet medji tal-elettriku bl-ingrossa kienu jkunu 8 % ogħla fis-swieq Ewropej kollha fl-2022 mingħajr il-kapaċitajiet rinnovabbli installati addizzjonalment⁹. Fl-2022, produzzjoni ogħla tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli ssostitwiet madwar 107 TWh ta' ġenerazzjoni tal-elettriku bbażata fuq il-fossili **li hija** ekwivalenti għal madwar 10 bcm ta' gass u [...] li wassal għal iffrankar stmat ta' aktar minn EUR 10 biljun.

⁹ [...]

(10) Filwaqt li r-Regolament (UE) 2022/2577 ilu fis-seħħ għal perjodu limitat [...], ir-rapport tal-Kummissjoni wera li kkontribwixxa b'mod pożittiv biex **jiġi aċċellerat i**[...]l-varar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni, b'mod partikolari billi ssimplifika l-proċeduri applikabbli għal proċessi speċifiċi tal-għoti tal-permessi, u billi qajjem kuxjenza politika dwar l-importanza li **jitħaffef il-proċess tal-għoti ta' permessi tal-enerġija rinnovabbli** [...]. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-effetti **ta' dak i**[...]r-Regolament ser ikunu viżibbli fix-xhur li ġejjin, id-data inizjali disponibbli dwar il-produzzjoni, il-varar u **[...]l-proċess tal-għoti ta'** permessi għall-enerġija rinnovabbli u proġetti ta' infrastruttura relatati għall-perjodu wara d-dħul fis-seħħ [...] tar-Regolament **(UE) 2022/2577** tissuġġerixxi aċċellerazzjoni, tal-anqas f'xi Stati Membri. Skont l-Eurostat, fl-ewwel nofs tal-2023, il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni laqgħet livell rekord fis-sostituzzjoni ta' volumi ta' gass ulterjuri¹⁰. Ir-rapport tal-Kummissjoni jenfasizza wkoll l-iżviluppi pożittivi f'termini ta'ż-żieda fil-varar tal-enerġija rinnovabbli fix-xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament **(UE) 2022/2577**. Skont data inizjali tal-industrija, **fl-ewwel tliet kwarti tal-2023**,l-[...]Unjoni [...] installat [...] aktar kapaċitajiet fotovoltajċi solari milli **matul**[...] [...] l-2022 **kollha**. Il-kapaċità eolika żdiedet ukoll b'mod sinifikanti f'diversi Stati Membri. Id-data disponibbli miġbura fir-rapport tal-Kummissjoni tindika wkoll li diversi Stati Membri esperjenzaw żidiet b'żewġ ċifri fil-volum ta' permessi maħruġa għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli minn meta daħal fis-seħħ [...] ir-Regolament **(UE) 2022/2577**. Barra minn hekk, mill-inqas fi Stat Membru wieħed, il-proġetti tal-grilja **li huma** importanti għal penetrazzjoni akbar għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u **li** [...] jammontaw għal aktar minn 2 000 km b'kollox [...] jibbenefikaw ukoll minn **[...] proċess ta' għoti** ta' permessi aċċellerat.

¹⁰ [...]

- (11) Minħabba li r-riskji għall-provvisti u l-prezzijiet tal-enerġija jippersistu, ser ikun meħtieġ pass aktar mgħaġġel tal-varar tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli għal ċertu perjodu **ta' żmien** wara tmiem Ġunju 2024, biex jitneħħew gradwalment il-bqija tal-importazzjonijiet tal-gass mir-Russja. Ma hemm l-ebda dubju li ishma oġhla ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli jsaħħu saħansitra aktar ir-reżiljenza tal-Unjoni. Barra minn hekk, aktar ma **tkun rapida**[...] l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, aktar ikun għoli l-impatt pożittiv fuq ir-reżiljenza tal-Unjoni, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, il-prezzijiet tal-enerġija u l-indipendenza mill-fjuwils fossili Russi.
- (12) Minħabba s-sitwazzjoni urġenti u **li għadha**[...] instabbli tal-enerġija li qed **tiffaċċa**[...] l-Unjoni[...], jeħtieġ li tiġi **estiża l-applikazzjoni ta'**[...] **ċerti**[...] dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2022/2577, b'mod partikolari d-[...] **dispożizzjonijiet** li wrew l-akbar potenzjal **għall-aċċellerazzjoni** immedjata tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u li huma differenti mill-miżuri inklużi fid-Direttiva (UE) 2018/2001, **ub'hekk**[...] jiġi żgurat li l-**estensjoni tal-applikazzjoni** tar-Regolament (UE) 2022/2577 [...] ma tidduplikax[...] dik id-Direttiva. Barra minn hekk, dawk il-miżuri jinkludu salvagwardji xierqa biex tiġi żgurata l-protezzjoni ambjentali fil-forma ta' kundizzjonijiet speċifiċi għall-applikazzjoni tagħhom. [...]Il-miżuri **inklużi fid-Direttiva (UE) 2018/2001** għandhom japplikaw b'mod parallel ma' dan **ir-Regolament**[...], u jikkomplementawha b'miżuri ta' emerġenza addizzjonali għal perjodu limitat ta' żmien. [...] **Mingħajr [...] l-estensjoni tal-applikazzjoni** tar-Regolament (UE) 2022/2577, **jinħoloq** [...] **ir-...** riskju li jitnaqqas il-pass tal-ġhoti ta' permessi u l-varar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u infrastruttura relatata , b'mod partikolari fl-Istati Membri li għamlu użu estensiv minn dak[...] ir-Regolament. Pereżempju, skont il-Ġermanja, l-installazzjoni ta' madwar 41 GW ta' enerġija mir-riħ fuq l-art tista' tiddewwem u **tista'** tieħu madwar sentejn aktar jew f'xi każijiet titwaqqaf għalkollox mingħajr [...] **estensjoni**[...] tal-**applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2577**, b'mod partikolari **fir-rigward tal-aċċellerazzjoni tal-proċess tal-ġhoti ta' permessi tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u għall-infrastruttura tal-grilja relatata li hija meħtieġa biex l-enerġija rinnovabbli tiġi integrata fis-sistema**[...]. Il-veloċità **tal-proċess**[...] tal-ġhoti ta' permessi **rigward** [...] għadd ta' proġetti kbar ipplanati tal-grilja ta' trażmissjoni li jammontaw għal eluf ta' kilometri fit-tul tonqos bl-istess mod, b'madwar sena sa tliet snin.

(13) Waħda mill-miżuri temporanji introdotti mir-Regolament (UE) 2022/2577, li wriet effetti pożittivi u li għandha potenzjal sinifikanti ta' aċċellerazzjoni fil-futur, hija l-introduzzjoni fl-Artikolu 3(1) ta' preżunzjoni konfutabbli li l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli huma ta' interess pubbliku prevalenti u jaqdu s-saħħa u s-sikurezza pubblika għall-finijiet ta' derogi speċifiċi previsti fil-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni, ħlief meta jkun hemm evidenza ċara li [...]proġetti **bħal dawn** għandhom effetti negattivi kbar fuq l-ambjent li ma jistgħux jittaffew jew jiġu kkompensati. Id-Direttiva (UE) 2018/2001, **permezz tal-Artikolu 16f tagħha, introduċiet**[...] preżunzjoni konfutabbli li l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli jkunu ta' interess pubbliku prevalenti u jaqdu s-saħħa u s-sikurezza pubblika, b'formulazzjoni kważi identika **meta mqabbla mal-formulazzjoni ta**[...]l-Artikolu 3(1)[...] tar-Regolament (UE) 2022/2577. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li tiġi estiża l-applikazzjoni **Artikolu 3(1)[...] tar-Regolament (UE) 2022/2577** peress li tali preżunzjoni **konfutabbli** ser tapplika bis-saħħa tal-Artikolu 16f tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(14) Madankollu, l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2022/2577[...] **jitlob**[...] [...] li **tingħata** prijorità [...]lill-proġetti li huma rikonoxxuti bħala ta' interess pubbliku prevalenti kull meta jkun meħtieġ l-ibbilanċjar [...] tal-interessi legali f[...]każi**jiet** individwali u **fejn dawk il-proġetti** jintroduċu[...] rekwiżiti ta' kumpens addizzjonali għall-protezzjoni tal-ispeċijiet. [...]M'**hemmx** [...] **dispożizzjoni analoga** fid-Direttiva (UE) 2018/2001. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(2)[...] tar-Regolament (UE) 2022/2577 għandha l-potenzjal, **fis-sitwazzjoni urġenti attwali u li għadha instabbli tal-enerġija fis-suq tal-enerġija li qed tiffaċċa l-Unjoni**, li tħaffef aktar il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli peress li tirrikjedi li l-Istati Membri jippromwovu [...] **dawk il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli** billi jagħtuhom prijorità meta jittrattaw **interessi** [...] kunfliġġenti differenti lil hinn minn kwistjonijiet ambjentali **fil-kuntest tal-ippjanar u l-proċess tal-ġoti tal-permessi tal-Istati Membri**. Ir-rapport tal-Kummissjoni [...] **wera l-valur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2022/2577**[...]li tirrikonoxxi l-importanza relattiva tal-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-kuntest diffiċli attwali tal-enerġija lil hinn mill-objettivi speċifiċi tad-derogi previsti fid-Direttivi [...] msemmija fl-Artikolu 3(1) **tar-Regolament (UE) 2022/2577**. [...]Minħabba s-sitwazzjoni partikolarment serja **fil-provvista tal-enerġija li qed tiffaċċa l-Unjoni bħalissa**, jixraq li **tiġi**[...] **estiża l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2022/2577** [...] sabiex jiġi rikonoxxut b'mod xieraq ir-rwol kruċjali tal-impjanti tal-enerġija rinnovabbli fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-tniġġis, jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija, titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili u **biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi legali** mwettaq mill-awtoritajiet tal-permessi jew mill-qrati nazzjonali. **Fl-istess ħin, huwa xieraq ukoll li tinżamm is-salvagwardja ambjentali li, għal proġetti rikonoxxuti li huma ta' interess pubbliku prevalenti, jiġu adottati miżuri xierqa ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet, sostnuti minn riżorsi finanzjarji suffiċjenti.**

(15) Kif muri fir-rapport tal-Kummissjoni, jeżistu sfidi fl-applikazzjoni ta' kundizzjoni oħra biex jiġu applikati derogi speċifiċi previsti fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, **jiġifieri r-rekwiżit rigward** [...] in-nuqqas ta' soluzzjonijiet alternattivi oħra[...]. Tali sfidi jillimitaw l-utilità Prattika tal-preżunzjoni **konfutabbli** li l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, **il-konnessjoni tagħhom mal-grilja, il-grilja relatata mfisha u l-assi tal-ħżin** huma ta' interess pubbliku prevalenti, minħabba li huwa ostaklu konsiderevoli li jiġi ppruvat li proġett ma jstax iseħħ xi mkien ieħor, jekk irid jiġi kkunsidrat it-territorju ta' pajjiż sħiħ, u saħansitra aktar jekk iridu jiġu kkunsidrati teknoloġiji oħra tal-enerġija rinnovabbli. Għalhekk, sabiex jitħaffef l-użu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, **il-konnessjoni tagħhom mal-grilja, u l-bini tal-infrastruttura tal-grilja meħtieġa biex l-enerġija rinnovabbli tiġi integrata fis-sistema tal-elettriku, li huwa objettiv ewlieni rikonnoxxut** [...] fil-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2023, bit-titlu "Grilji, il-konnessjoni nieqsa - Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Grilji"**, huwa xieraq li jiġi speċifikat, **għall-fini ta' dan ir-Regolament, kif jistgħu jintlaħqu l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' derogi speċifiċi kif previst fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni**[...] **fir-rigward** [...] tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonijiet alternattivi rilevanti li jridu jiġu kkunsidrati. **B'mod partikolari, għall-...**finijiet [...] tal-liġi ambjentali rilevanti tal-Unjoni, fil-valutazzjonijiet meħtieġa każ b'każ biex jiġi aċċertat jekk hemmx soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti għall-proġett speċifiku tal-enerġija rinnovabbli, **jew proġett tal-infrastruttura tal-grilja li huwa meħtieġ biex l-enerġija rinnovabbli tiġi integrata fis-sistema tal-elettriku, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat li l-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni** [...] ta' [...] **soluzzjonijiet** [...] alternattivi [...] **jista' jkopri soluzzjonijiet** li jiżguraw il-kisba tal-istess objettivi bħall-proġett **inkwistjoni**[...] fl-istess perjodu ta' żmien jew perjodu simili u mingħajr ma jirriżulta f'kostijiet ferm ogħla. Meta jqabblu l-perjodu ta' żmien u l-kost tas-soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-ħtieġa li jużaw l-enerġija rinnovabbli **u l-infrastruttura tal-grilja li hija meħtieġa biex tintegra l-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku** b'mod aċċellerat u kosteffettiv f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima **u aġġornamenti tagħhom** ppreżentati skont [...] ir-Regolament (UE) 2018/1999 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**¹¹ u l-veloċità mistennija biex [...]

¹¹ **Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE,**

jinkisbu **dawk il-prijoritajiet**. Tali **speċifikazzjoni** temporanja hija **ġġustifikata** fid-dawl **tas-sitwazzjoni** attwali **tas-swieq tal-enerġija** sabiex **jiġi ffaċilitat l-użu ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura tal-grilja relatata, b'hekk jiġi rikonoxxut ir-rwol tagħhom fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-tniġġis, jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija, titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili u tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni.**

- (16) Dispożizzjoni oħra b'potenzjal għall-aċċellerazzjoni sinifikanti tal-pass tal-użu tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli [...] hija l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2022/2577.[...] **Dak l-Artikolu**[...] jimponi skadenza massima ta' sitt xhur għar-repowering tal-impjanti eżistenti tal-enerġija rinnovabbli. Ir-repowering tal-impjanti eżistenti tal-enerġija rinnovabbli għandu [...] **l-potenzjal sinifikanti li** [...] **jżid** b'mod rapidu [...] l-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, u b'hekk jippermetti [...] **t-tnaqqis** [...] **tal-konsum** tal-gass. Dan jippermetti l-użu kontinwu tas-siti b'potenzjal sinifikanti ta' enerġija rinnovabbli, u dan inaqqas il-ħtieġa li jiġu ddeżinjati siti ġodda għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Ir-repowering ta' impjant tal-enerġija mir-riħ b'turbini aktar effiċjenti s-soltu jippermetti **li** tinżamm il-kapaċità eżistenti jew li din tiżdied imma b'inqas turbini li jkunu **akbar** [...] u aktar effiċjenti. Ir-repowering jibbenefika wkoll mill-konnessjoni eżistenti mal-grilja, grad probabbilment ogħla ta' aċċettazzjoni pubblika, u għarfien tal-impatti ambjentali.

2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

(17) **Fir-rieżami tagħha skont ir-Regolament (UE) 2022/2577**, [...] il-Kummissjoni sabet [...] li **kien** hemm [...] lok għal aktar simplifikazzjoni tal-proċess tal-għoti tal-permessi applikabbli għar-repowering tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari fl-[...]Istati Membri **li għandhom** [...] potenzjal akbar ta' repowering. Id-Direttiva (UE) 2023/2413 iddaħħal diversi dispożizzjonijiet f'dan ir-rigward fid-Direttiva (UE) 2018/2001, inkluż l-iskadenzi massimi [...] **fir-rigward tal-għoti ta' permessi**. L-Artikolu 16b tad-Direttiva (UE) 2018/2001 idaħħal skadenza massima ta' sena għar-repowering ta' proġetti **tal-enerġija rinnovabbli** li jinsabu barra miż-żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli, filwaqt li l-Artikolu 16a ta' dik id-Direttiva jinkludi skadenza ta' sitt xhur għall-proġetti **tal-enerġija rinnovabbli** [...] fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli. Minħabba li l-iskadenza għall-implimentazzjoni għad-deżinjazzjoni taż-żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli hija ta' 27 xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva **(UE) 2018/2001** (jiġifieri [...] ż-żoni ta' **aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli** jkollhom jiġu deżinjati sal-20 ta' Frar 2026), u anke jekk dawk ż-żoni ta' **aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli** jkunu **jistgħu** [...] jiġu deżinjati qabel, jixraq li tiġi estiża[...] l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2022/2577. **Tali** [...]estensjoni tinkludi emenda mmirata rigward il-kamp ta' applikazzjoni **tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2022/2577**[...], sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi limitata għaż-żoni **deżinjati** [...] skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/2577. L-estensjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament, flimkien mal-applikazzjoni [...]tal-Artikolu 6 **tiegħu**, [...]jenħtieġ li tiżgura li tapplika immedjatament skadenza ambizzjuża għall-għoti ta' permessi għar-repowering ta' proġetti ta' **enerġija rinnovabbli** li jinsabu fiż-żoni speċifiċi identifikati mill-Istati Membri b'mod volontarju skont [...] ir-Regolament **(UE) 2022/2577**, filwaqt li l-iskadenzi massimi għar-repowering tal-proġetti **ta' enerġija rinnovabbli** li jinsabu fid-Direttiva (UE) 2018/2001 japplikaw għall-bqija tat-territorju. Barra minn hekk, dan huwa konsistenti mad-differenzjazzjoni introdotta bid-Direttiva (UE) 2023/2413 bejn iż-żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija [...] rinnovabbli u ż-żoni li **ma** għandhomx[...] tali status.

- (18) L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/2577 jippermetti lill-Istati Membri, taħt ċerti kundizzjonijiet biex jiżguraw il-protezzjoni ambjentali, li jintroduċu eżenzjonijiet minn ċerti obbligi ta' valutazzjoni ambjentali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u għal proġetti ta' ħżin tal-enerġija u proġetti tal-grilja tal-elettriku li huma meħtieġa għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku. L-applikazzjoni tal-**Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/2577**[...] hija fakultattiva għall-Istati Membri. **Dak l-Artikolu**[...] jipprovdihom għodda effettiva biex jaċċelleraw il-varar tal-enerġija rinnovabbli u [...]proġetti infrastrutturali relatati billi jiżguraw bilanċ bir-reqqa bejn il-ħtieġa li jintużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli b'veloċità ħafna aktar rapida u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' żoni ambjentalment sensitivi. Kif spjegat fir-rapport tal-Kummissjoni, **l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/2577** [...]wassal għal riżultati pożittivi tanġibbli kemm f'termini **tal-għadd ta' proġetti tal-enerġija** rinnovabbli u tal-grilja **tal-elettriku** ta' suċċess li qed jiġu implimentati, kif ukoll tal-potenzjal ta' aċċellerazzjoni u **t-tqassir taż-żmien tal-proċess għall-għoti**[...] ta' permessi fl-Istati Membri li għamlu użu minnu. Skont is-sejbiet [...]fir-rapport tal-Kummissjoni bbażat fuq stimi pprovduti mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, tali aċċellerazzjoni tista' tvarja minn diversi xhur u[...] saħansitra anke sa tliet snin fil-każ ta' proġetti offshore.
- (19) Abbażi tal-evidenza miġbura fir-rapport tal-Kummissjoni, **l-estensjoni tal-applikazzjoni tal-**[...] Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/2577 tidher meħtieġa **fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolarment mimlija tensjoni għall-provvista fis-swieq tal-enerġija** biex tiġi żgurata aċċellerazzjoni qawwija immedjata tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli. [...] **Dak l-Artikolu** jista' u jenħtieġ li jeżisti flimkien, għal perjodu **ta' żmien** limitat, mad-dispożizzjonijiet **tad-**[...]Direttiva (UE) 2018/2001 **fir-rigward** [...] **tad-deżinjazzjoni taż-żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli** [...] u **ż-żoni għall-infrastruttura tal-grilja u tal-ħżin meħtieġa biex l-enerġija rinnovabbli tiġi integrata fis-sistema tal-elettriku** [...] **u bl-ebda mod ma jipprevjeni d-deżinjazzjoni ta' tali żoni.**

(20) [...]Id-Direttiva (UE) 2018/2001 jimponi l-obbligu fuq l-Istati Membri li jiddeżinjaw żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli għal teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli waħda jew aktar fi żmien 27 xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (UE) 2023/2413. Anki jekk l-Istati Membri **jkunu jistgħu**[...] jiddeżinjaw żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli[...] mill-mument li tidħol [...]fis-seħħ id-Direttiva (UE) 2023/2413, mingħajr ma jistennew **sal-** [...]iskadenza tat-traspożizzjoni tagħha, **tali** [...] deżinjazzjoni teħtieġ iż-żmien, li mistenni jkun itwal miż-żmien meħtieġ biex jiġu ddeżinjati ż-żoni ddedikati **għall-enerġija rinnovabbli jew għall-grilja** msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/2577. Dan għaliex **dak** [...] **l-Artikolu**[...]ma jeħtieġx [...]l-**istabbiliment** minn qabel [...] ta' regoli xierqa **bħala parti mill-pjan li jiddeżinja ż-żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli** għal daw[...]k iż-żoni dwar miżuri ta' mitigazzjoni effettivi li għandhom jiġu adottati għall-installazzjoni ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli u għall-ħżin tal-enerġija kolokalizzati f'dawk iż-żoni u ma jintroduċix proċeduri speċifiċi li għandhom jiġu segwiti f'dawk iż-żoni. Għalhekk, sabiex tiġi ffaċilitata aktar il-konstruzzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli matul perjodu temporanju, l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 **tar-Regolament (UE) 2022/2577** jenħtieġ li tiġi estiża, sabiex ikun possibbli għall-Istati Membri li jiddeżinjaw żoni speċifiċi b'mod simplifikat, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiddeżinjaw b'mod parallel żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli skont [...]id-Direttiva (UE) 2018/2001 sabiex jiġi żgurat li tali żoni jiġu stabbiliti sal-iskadenza stipulata **f'dik** [...] id-Direttiva.

- (21) [...]Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tinkludi dispożizzjoni li tagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li[...] jiddeżinjaw[...] żoni għall-infrastruttura tal-grilja u tal-ħżin meħtieġa biex l-enerġija rinnovabbli tiġi integrata fis-sistema tal-elettriku taħt ċerti kundizzjonijiet. Fid-dawl tan-natura fakultattiva tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/2577 u l-Artikolu 15e tad-Direttiva (UE) 2018/2001, ma hemm l-ebda riskju legali ta' kontradizzjoni peress li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu liema dispożizzjoni għandhom japplikaw jew saħansitra japplikaw it-tnejn li huma matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament sabiex jidentifikaw żoni differenti tal-grilja b'mod parallel, skont il-kundizzjonijiet differenti stabbiliti f'dawk l-atti legali, rispettivament.
- (22) Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus") **fir**-rigward [...] **tal**-aċċess għall-infurmazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet[...] u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, u b'mod partikolari, l-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-parteċipazzjoni pubblika u mal-aċċess għall-ġustizzja, jibqgħu applikabbli.
- (23) Il-prinċipju tas-solidarjetà enerġetika huwa prinċipju ġenerali [...] **tad**-dritt tal-Unjoni u japplika għall-Istati Membri kollha. Fl-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-solidarjetà enerġetika, il-miżuri proposti jippermettu d-distribuzzjoni transfruntiera tal-effetti ta' varar aktar rapidu tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Il-miżuri japplikaw għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli fl-Istati Membri [...] u jkopru kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-proġetti. Minħabba l-grad ta' integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija tal-Unjoni, kwalunkwe żieda fil-varar tal-enerġija rinnovabbli fi Stat Membru jenħtieġ li tkun **ukoll** ta' benefiċċju [...] **għal** Stati Membri oħra f'termini ta' sigurtà tal-provvista u prezzijiet aktar baxxi. Jenħtieġ li **tassisti**[...] biex l-elettriku rinnovabbli jimxi bejn il-fruntieri għal fejn huwa l-aktar meħtieġ u tiżgura li l-elettriku rinnovabbli prodott b'mod irħis jiġi esportat lejn l-Istati Membri fejn il-produzzjoni tal-elettriku hija aktar għalja. Barra minn hekk, il-kapaċitajiet tal-enerġija rinnovabbli li għadhom kif ġew installati fl-Istati Membri ser ikollhom impatt fuq it-tnaqqis ġenerali fid-domanda għall-gass fl-Unjoni kollha.

(24) L-Artikolu 122(1) **tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)** jippermetti lill-Kunsill jiddeċiedi, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura oħra prevista fit-Trattati, fuq proposta mill-Kummissjoni u fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, dwar il-miżuri adatti għas-sitwazzjoni ekonomika, b'mod partikolari jekk jinqalgħu diffikultajiet serji fil-provvista ta' ċerti prodotti, b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġija. Fid-dawl ta' **tali**[...] kunsiderazzjonijiet, is-sitwazzjoni urġenti u li **għadha**[...] instabbli tal-enerġija u l-ħtieġa urġenti li tiġi aċċellerati minnufih **l-implimentazzjoni** tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli bħala strument biex jittaffew ir-riskji għas-**sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni**[...] u l-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija li għadhom jeżistu, jikkostitwixxu [...] **is**-[...]sitwazzjoni **deskritta fl-Artikolu 122(1) TFUE**. Barra minn hekk, jeħtieġ li jitqies it-tmien li qed joqrob tal-mandat tal-Parlament Ewropew, iż-żmien meħtieġ biex tiġi adottata leġiżlazzjoni skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, kif ukoll il-ħtieġa li l-Istati Membri u l-investituri jkollhom prevedibbiltà u ċertezza legali dwar il-qafas legali. **[...] Estensjoni b'sena [...] tal-applikazzjoni [...] ta' ċerti [...]** dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2022/2577 u ż-żieda ta' dispożizzjoni ġdida huma meħtieġa biex jirrispondu għas-sitwazzjoni attwali u għalhekk huwa ġġustifikat li l-Artikolu 122(1) TFUE jkun il-bażi legali għal dan ir-Regolament.

- (25) Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni hija urġenti peress li r-Regolament (UE) 2022/2577 ser jieqaf japplika fit-30 ta' Ġunju 2024 u l-investituri u l-awtoritajiet jeħtieġ li jkollhom ċarezza malajr kemm jista' jkun fir-rigward tal-qafas legali li japplika minn hemm 'il quddiem biex jiżguraw id-deċiżjonijiet ta' investment tagħhom u jippjanaw il-proġetti tagħhom skont dan. Għaldaqstant, jixraq li jiġi adottat **att legali**[...] li [...] **jestendi l-applikazzjoni** [...] ta' dak ir-Regolament xi xhur qabel tintemm l-applikazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, minħabba l-**introduzzjoni**[...] ta' dispożizzjoni ġdida, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (26) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet **rilevanti**[...] jenħtieġ li tiġi estiża temporanjament u jeħtiġilha, flimkien mad-dispożizzjoni l-ġdida[...], tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2025.
- (27) Minħabba li l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', **minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni**, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġġettiv.
- (28) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/2577 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2022/2577

Ir-Regolament (UE) 2022/2577 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, **it-tieni paragrafu**[...] huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan ir-Regolament japplika għall-proċessi kollha tal-ġhoti ta' permessi li d-data tal-bidu tagħhom tkun fil-perjodu tal-applikazzjoni tiegħu u huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jstabbilixxu skadenzi aktar qosra minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 5(1).";

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, għall-proġetti li huma rikonoxxuti bħala ta' interess pubbliku prevalenti, li fil-proċess tal-ippjanar u tal-ġhoti tal-permessi, il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' impjanti u installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-grilja relatata jingħataw prijorità meta jiġu bbilanċjati l-interessi legali fil-każ individwali.

[...] [...] **Fir-rigward tal-protezzjoni tal-ispeċijiet, is-sentenza preċedenti għandha tapplika biss iekk u sal-punt li jittieħdu** miżuri xierqa ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet li jikkontribwixxu għaż-żamma jew għar-restawr tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet għal stat ta' konservazzjoni favorevoli [...] u **jsiru** disponibbli biżżejjed riżorsi finanzjarji kif ukoll [...] żoni għal dak l-iskop."

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 3a

Nuqqas ta' soluzzjonijiet alternattivi jew sodisfaċenti

1. Meta jiġi vvalutat jekk ma hemmx soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti għal proġett għal impjant jew installazzjoni għall-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli **u l-konnessjoni tiegħu mal-grilja** għall-finijiet tal-Artikoli 6(4) u 16(1) tad-Direttiva [...] 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE, din il-kundizzjoni tista' titqies issodisfata jekk ma jkun hemm l-ebda soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti li kapaċi tikseb l-istess objettiv tal-proġett inkwistjoni, b'mod partikolari f'termini tal-iżvilupp tal-istess kapaċità ta' enerġija rinnovabbli permezz tal-istess teknoloġija tal-enerġija fl-istess perjodu ta' żmien jew f'perjodu ta' żmien simili u mingħajr ma tirriżulta f'kostijiet ferm ogħla.

2. **Meta jiġi vvalutat jekk ma hemmx soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti għal proġett ta' infrastruttura tal-grilja li huwa meħtieġ biex jintegra l-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku, għall-finijiet tal-Artikoli 6(4) u 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE, din il-kundizzjoni tista' titqies issodisfata jekk ma jkun hemm l-ebda soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti li kapaċi tikseb l-istess objettiv tal-proġett inkwistjoni fl-istess perjodu ta' żmien jew f'perjodu ta' żmien simili u mingħajr ma tirriżulta f'kostijiet ferm ogħla."**

(4) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għar-repowering tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli li jinsabu fiż-żona apposta msemmija fl-Artikolu 6, inkluż il-permessi relatati mal-aġġornament tal-assi neċessarji għall-konnessjoni tagħhom mal-grilja fejn ir-repowering jirriżulta f'żieda fil-kapaċità, ma għandux jaqbeż [...] **sitt** xhur inkluż il-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali fejn meħtieġ mil-leġiżlazzjoni rilevanti."

(5) [...] L-Artikolu 8[...] **huwa** sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

Skedi ta' żmien għall-proċess tal-ġhoti tal-permessi għar-repowering tal-impjanti tal-enerġija rinnovabbli f'żoni ddedikati [...] **msemmija** fl-Artikolu 6

Meta jiġu applikati l-iskadenzi msemmija fl-Artikoli 5(1), iż-żmien li ġej ma għandux jingħadd li **jaqa'** ma' dawk l-iskadenzi ħlief meta jikkoinċidi ma' stadji amministrattivi oħra tal-proċess tal-ġhoti ta' permessi:

(a) iż-żmien li matulu l-impjanti, il-konnessjonijiet tagħhom mal-grilja u, bil-ħsieb li jkunu żgurati l-istabbiltà tal-grilja, l-affidabilità tal-grilja u s-sikurezza tal-grilja, l-infrastruttura tal-grilja neċessarja tkun qed tinbena jew repowered; kif ukoll

(b) iż-żmien użat għall-istadji amministrattivi neċessarji għal aġġornamenti sinifikanti għall-grilja meħtieġa biex jiġu żgurati l-istabbiltà tal-grilja, l-affidabilità tal-grilja u s-sikurezza tal-grilja."

(6) Fl-Artikolu 10, jiżdied [...] il-paragrafu li ġej:

"Madankollu, l-Artikolu 1, l-Artikolu 2(1), l-Artikolu 3(2), **l-Artikolu 3a**, l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6 u l-Artikolu 8 għandhom japplikaw sat-30 ta' Ġunju 2025."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2024. Madankollu, l-Artikolu **1, il-punt (3)** għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi [...]..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
